Australian Government

Department of Health

# Ċarter tad-Drittijiet u r-Responsabbilitajiet ta' Dawk li Jirċievu l-Kura – Kura fid-Dar

*Att tal-Kura tal-Anzjani tas-sena 1997, Skeda 2 il-Prinċipji tad-Drittijiet tal-Utent tas-Sena 2014 (emendat fis-27 ta' Frar 2017)*

## 1 Id-drittijiet ta' dawk li jirċievu l-kura – kura fid-dar

*Ġenerali*

(1) Kulmin jirċievi l-kura għandu dawn id-drittijiet li ġejjin:

(a) li jkunu stmati u aċċettati bħala individwi, u li jkollhom il-preferenzi individwali tagħhom irrispettati
(b) li jkunu stmati bid-dinjità, u l-privatezza tagħhom tkun rispettata
(c) li jirċievu l-kura li tirrispettahom, u lil famija u dar tagħhom
(d) li jirċievu l-kura mingħajr ma jkunu obbligati li jħossuhom grati lejn dawk li qed jipprovdu l-kura
(e) li jkollhom l-użu sħiħ u effettiv tad-drittijiet kollha tal-bniedem, legali u tal-konsumatur, inkluż id-dritt tal-libertà tal-kelma dwar il-kura tagħhom
(f) li jkollhom aċċess għal min jaqbeż għalihom u għażliet oħra ta' rimedju
(g) li jkunu stmati mingħajr sfruttament, abbuż, diskriminazzjoni, fastidju jew negliġenza.

*Kura Diretta lejn il-Konsumatur – għażla u flessibilità*

(2) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:

(a) li jkunu ssapportjati mill-provveditur approvat:
  (i) li jistabilixxu miri rigward ir-riżultat tagħhom li jfittxu mill-kura fid-dar
  (ii) li jiddeteriminaw il-livell ta' involviment u l-kontroll kontinwu li huma jixtieqŭ fil-provvediment tal-kura fid-dar
  (iii) li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-kura tagħhom
  (iv) li jżommu l-indipendenza tagħhom kemm jista' jkun
(b) li jagħżlu l-kura u s-servizzi li l-aktar jissodisfaw il-miri tagħhom u l-bżonnijiet u l-preferenzi assessjati, fi ħdan ir-riżorsi disponibbli
(c) li jkollhom l-għażla u l-flessibilità fil-mod kif il-kura u s-servizzi jingħataw fid-dar
(d) li jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jolqtuhom
(e) li r-rappreżentant tagħhom jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura tagħhom jekk huma jitolbu dan jew ma jkunux jistgħu jagħmlu dan.
(f) biex jagħżel il-provveditur approvat li għandu jipprovdi l-kura fid-dar lilu jew lilha, u li jkolli l-flessibilità biex jibdel dak il-provveditur approvat jekk hu jew hi jixtieqŭ.

*Kura Diretta lejn il-Konsumatur – kura u servizzi*

(3) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:

(a) li jirċievu kura u servizzi li jistgħu jorbtu fuqhom, ikkordinati, siguri, ta' kwalità li jgħoddu għalihom biex jissodisfaw il-miri u l-bżonnijiet assessjati tagħhom
(b) li jingħataw qabel, jew fi żmien 14-il ġurnata wara, li huma jibdew jirċievu l-kura fid-dar, pjan bil-miktub tal-kura u s-servizzi li huma għandhom jistennew li jirċievu
(c) li jirċievu l-kura u s-servizzi li jieħdu nkonsiderazzjoni l-arranġamenti u l-preferenzi tal-kura tagħhom
(d) għal reviżjoni kontinwa tal-kura u s-servizzi li huma jirċievu (kemm perjodiċi u bħala reazzjoni għall-bidliet fiċ-ċirkustanzi personali tagħhom), u modifikazzjoni tal-kura u s-servizzi li għandhom bżonn.

*Kura Diretta lejn il-Konsumatur – baġit individwalizzat u stejtment ta' kull xahar tal-fondi disponibbli u l-ispiża*

(3A) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:

(a) li jirċievu baġit individwalizzat għall-kura u s-servizzi li ser jingħataw
(b) li l-baġit individwalizzat tagħhom ikun revedut u, jekk ikun hemm bżonn, jiġi revedut jekk:
  (i) il-kura u s-servizzi li ser jingħataw, jew l-ispiża biex tingħata l-kura u s-servizzi, jinbidlu; jew
  (ii) jitolbu lill-provveditur approvat li jirrevedi u, jekk hemm bżonn, jirrevedi l-baġit individwalizzat
(c) li jirċievu stejtment ta' kull xahar tal-fondi li hemm u l-ispiża rigward il-kura u s-servizzi pprovduti matul ix-xahar.

*Tagħrif Personali*

(4) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:

(a) tal-privatezza u l-konfidenzjalità tat-tagħrif personali dwarhom
(b) li jaċċessjaw it-tagħrif personali dwarhom.

*Komunikazzjoni*

(5) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:
- (a) li jkunu megħjuna jifhmu kwalunkwe tagħrif li jingħataw
- (b) li jingħataw kopja ta' din iċ-Ċarter
- (c) li jkunu offruti ftehim bil-miktub li jinkludi l-kwistjonijiet kollha miftiehma
- (d) li jagħżlu persuna li titkellem għan-nom tagħhom għal kwalunkwe raġuni.

*Kummenti u lmenti*

(6) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:
- (a) li jingħataw tagħrif dwar kif jikkummentaw u jilmentaw dwar il-kura u servizzi li jirċievu
- (b) li jilmentaw dwar il-kura u s-servizzi li jirċievu, mingħajr il-biża' li jitilfu l-kura jew li jiġu svantaġġjati bi kwalunkwe mod ieħor
- (c) li jaraw li l-ilmenti tagħhom ikunu investigati b'mod fier u kunfidenzjali, u li jittieħdu l-passi biex jiġu riżolti l-kwistjonijiet li jkunu qed jinkwetahom.

*Miżati*

(7) Kulmin jirċievi l-kura għandu d-drittijiet li ġejjin:
- (a) li l-miżati tagħhom ikunu ffissati b'mod trasparenti, aċċessibbli u fier
- (b) li jirċievu fatturi li huma ċari u f'format li jkunu jistgħu jifhmuhom
- (c) li l-miżati tagħhom ikunu riveduti perjodikament u meta dan jintalab meta jkun hemm tibdil fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħhom
- (d) li ma jkunux imċaħħda minn kura u servizzi għax ma jkunux jistgħu jħallsu l-miżata għal raġunijiet li ma jkollhomx kontroll fuqhom.

## 2 Ir-responsabbiltajiet ta' dawk li jirċievu l-kura – kura fid-dar

*Ġenerali*

(1) Kulmin jirċievi l-kura għandu r-responsabbiltajiet li ġejjin:
- (a) li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema tal-kura għad-drittijiet tal-bniedem, legali u ta' fuq il-post tax-xogħol tagħhom inkluż id-dritt li jaħdmu f'ambjent mingħajr periklu
- (b) li jistmaw lill-ħaddiema tal-kura mingħajr sfruttament, abbuż, diskriminazzjoni jew fastidju.

*Kura u servizzi*

(2) Kulmin jirċievi l-kura għandu responsabbiltajiet li ġejjin:
- (a) li jħarsu t-termini tal-ftehim bil-miktub tal-kura fid-dar
- (b) li jirrikonoxxu li l-bżonnijiet tagħhom jistgħu jinbidlu u li jinnegozjaw modifikazzjoni tal-kura u s-servizz jekk il-bżonnijiet tagħhom tal-kura jkollhom bżonn jinbidlu
- (c) li jaċċettaw ir-responsabbiltà tal-azzjonijiet u l-għażliet tagħhom anki jekk xi azzjonijiet u għażliet jistgħu jinvolvu element ta' riskju.

*Komunikazzjoni*

(3) Kulmin jirċievi l-kura għandu r-responsabbiltajiet li ġejjin:
- (a) li jagħtu tagħrif biżżejjed biex jgħin lill-provveditur approvat jiżviluppa, iwassal u jirrevedi l-pjan tal-kura
- (b) jinfurmaw lill-provveditur approvat u lill-istaff tiegħu dwar kwalunkwe problema rigward il-kura u s-servizzi.
- (c) qabel mal-persuna li qed tirċievi l-kura tibdel il-provvedituri approvati, tinforma lill-provveditur approvat u lill-istaff tagħhom il-ġurnata meta l-persuna li qed tirċievi l-kura biħsiebha tieqaf tirċievi s-servizzi tal-kura fid-dar mill-provveditur approvat.

*Aċċess*

(4) Kulmin jirċievi l-kura għandu r-responsabbiltajiet li ġejjin:
- (a) li jaraw li jkun hemm aċċess bla periklu u raġjonevoli għall-ħaddiema tal-kura fil-ħinijiet speċifikati fil-pjan tal-kura tagħhom jew b'mod ieħor bi ftehim
- (b) li javżaw fi żmien raġjonevoli jekk huma ma jkollhomx bżonn li jirċievu kura fid-dar f'ġurnata partikulari.

*Miżati*

(5) Kulmin jirċievi l-kura għandu responsabbiltà jħallas il-miżati hekk kif inhuma speċifikati fil-ftehim jew jinnegozjaw ftehim alternattiv mal-provveditur jekk ikun hemm bidliet fiċ-ċirkustanzi finanzjarji tagħhom.